MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 82/2012

**Joachim sive` Jack Galea**

**(ID 14936G)**

***kontra***

**L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

***u***

**Il-Ministru ghat-Turismu, Kultura u l-Ambjent u b`digriet tal-1 ta` Lulju 2014 minflok il-Ministru ghat-Turismu, Kultura u l-Ambjent l-atti gew legittimati f`isem il-Prim` Ministru**

***u***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-30 ta` Novembru 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrent huwa proprjetarju ta` bicca art fix-Xlendi, Ghawdex, kif ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument `JG1` ;*

*2. Illi fuq din l-art ir-rikorrent kien inhariglu permess ghall-bini bin-numru 4088/78/466/76 "to erect dwellings subject to conditions on Form T.2 and drainage contribution, provided that all roads are constructed within applicant`s property and as per amended plans submitted", u dan il-permess inhareg fis-6 ta` Novembru 1978 b`validita` ta` sena (ara kopja tal-permess hawn annessa bhala Dokument `JG2` ;*

*3. Illi fis-6 ta` Novembru 1978, u cioe` fl-istess gurnata li nhareg il-permess, ir-rikorrent applika biex jinghata l-linja tal-bini ;*

*4. Illi minkejja li dan il-permess kien inhareg, il-linja tal-bini baqghet ma gietx moghtija mil-awtoritajiet koncernati tant illi lahaq ghadda t-terminu ta` sena stipulat ghall-validita` tal-istess permess, u dan meta f`cirkostanzi normali l-linja tal-bini kieent tinghata f`qasir zmien, u skont il-proedura normali l-linja ma kinitx iddum iktar minn hmistax-il gurnata biex tigi moghtija ufficjalment ;*

*5. Illi inoltre qatt ma nghatat raguni lir-rikorrent ghalfejn il-linja tal-bini kienet ghadha ma gietx moghtija ;*

*6. Illi qabel ma skada l-imsemmi perjodu ta` sena ghall-validita` tal-permess ir-rikorrent ma setax jibda l-bini skont il-permess peress li l-linja tal-bini kienet ghadha ma gietx definita u b`hekk ir-rikorrent ma setax jattwa permess ghall-izvipull li huwa diga` kellu f`idejh, li jfisser ukoll li bl-agir fuq deskritt inghatalu permess izda effettivament dak l-istess permess gie wkoll mizmum illecitament billi l-bini ma setax jibda minghajr linja ;*

*7. Illi l-file relattiv ghall-building alignment in kwistjoni kien sahansitra sparixxa b`mod misterjuz taht cirkostanzi suspettuzi mmens u dam mitluf ghal madwar ghaxar (10) snin u matul dan iz-zmien m asar xejn mil-awtoritajiet koncernati ;*

*8. Illi r-rikorrent sahansitra kien intavola proceduri gudizzjarji (kawza numru 50/1990 JAB fl-ismijiet Jack Galea vs Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura, Direttur tax-Xoghlijiet u Chairman tal-PAPB) minhabba dan l-inkonvenjent billi huwa kien prekluz milli jagixxi billi l-applikazzjoni tieghu ghal-linja tal-bini baqghet ma giet qatt determinata, u talab kemm li tinghatalu l-linja kif ukoll li jithallas id-danni, liema proceduri gudizzjarji sfortunatament ma taw lir-rikorrent ebda rimedju effettiv (ara kopja tas-sentenza tas-17 ta` Marzu 1994 hawn annessa bhala Dokument `JP3`) ;*

*9. Illi dan kollu gie mistharreg ukoll mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni li sabet li "saret ingustizzja mas-Sur Jack Galea billi ma nghatax il-possibilita`, kif kellu dritt bil-ligi, bhal kull applikant iehor, li l-applikazzjoni tieghu tigi*

*trattata finalment skont il-ligi" (ara kopja tar-Rapport tal-imsemmija Kummissjoni hawn annessa bhala Dokument `JG4`) ;*

*10. Illi minkejja dan ir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni r-rikorrent baqa` fl-istess sitwazzjoni fis-sens illi kellu permess skadut, permess li qatt ma seta` jutilizza, minhabba li l-linja tal-bini ma gietx ippubblikata fil-waqt, u baqa` qatt ma nghata risposta dwarha, u din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma giet rettifikata ;*

*11. Illi dan kollu sar b`abbuz ta` poter u nuqqas ta` qadi ta` dmirijiet min-nhaa tal-awtoritajiet koncernati u l-funzjonarji taghhom jew awtoritajiet ohra governattivi, inkluz il-Ministeru dakinhar responsabbli mil-Izvilupp, li kkontrollaw il-process meta ma kellhom ebda setgha jaghmlu dan ;*

*12. Illi r-rikorrent baqa` sal-lum jissielet ghad-drittijiet tieghu u minbarra l-bosta ittri li huwa baghat kien applika wkoll biex meta jigu riveduti l-iskemi ta` zonar is-sit tieghu ikun meqjus bhala sit tajjeb ghall-bini, izda ghadu sal-lum jistenna li dan isehh ;*

*13. Illi r-rikorrent kien sahansitra tefa` applikazzjoni gdida mal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (numru 5955/99 – ara Dokument `JG5` hawn anness) biex jinhariglu permess iehor fuq is-sit ghal `ground floor commercial premises and holiday apartments` u din ukoll giet rifjutata ;*

*14. Illi fil-pjan lokali l-art tar-rikorrent fil-fatt giet indikata bhala built up area – ara pjanta hawn annessa bhala Dokument `JG6` – pero` l-awtoritajiet baqghu jirrifjutaw li jirrikonoxxu d-dritt tar-rikorrent li jizviluppa l-istess art ;*

*15. Illi, minhabba li l-art tar-rikorrent giet ikklassifikata bhala built up area u konsegwenza tal-fatt li fl-1978 huwa kien inharigu permess ghall-izvilupp, iggwadanjat bosta nies li kisbu permess tal-bini fiz-zona peress li l-art taghhom ukoll giet f`distanza vicina bizzejjed tal-art tar-rikorrent biex tikkwalifika bhala zona ghall-bini ;*

*16. Illi r-rikorrent talab li l-permess tal-1978 fuq imsemmi jerga` jigi mgedded pero` baqa` sal-lum ma ha ebda risposta mil-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ;*

*17. Illi l-fatt li r-rikorrent inghata permess fl-1978 izda ma nghatax linja tal-bini kien ifisser effettivament li l-permess li nghatalu kien ineffettiv u b`hekk dan l-agir wassal biex jittehidlu jew jigi mizmum il-permess li kien inhariglu validament, u b`hekk ir-rikorrent spicca biex ma setax jaghmel uzu minn permess li kellu ;*

*18. Illi intant ir-rikorrent sofra telf kbir billi ma setax jizviluppa l-art tieghu minkejja li ghaddew bosta snin u ghadu sal-lum minghajr permess validu f`idejh bil-linja tal-bini stabbilita ;*

*19. Illi l-fatt li ghal dawn is-snin kollha l-esponent ma setax jizviluppa l-art tieghu minkejja li kien inhariglu permess validu jikkostitwixxi kontroll ta` uzu tal-proprjeta` tar-rikorrent u / jew indhil mhux konsentit u mhux gustifikat mat-tgawdija hielsa tal-proprjeta` tieghu bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*20. Illi inoltre l-fatt li r-rikorrent dam dawn is-snin kollha ma nghata ebda risposta dwar l-applikazzjoni tieghu ghal-linja tal-bini u t-tigdid tal-permess tal-bini numru 4088/78/466/76 jammonta wkoll ghal vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, inkluz minhabba l-fatt li r-rikorrent gie mcahhad minn access ghal tribunal jew qorti ;*

*21. Illi inoltre dan kollu jikkostitwixxi diskriminazzjoni mhux konsentita kontra r-rikorrent billi giet adoperata fil-konfront tieghu minghajr ebda raguni valida fil-ligi procedura differenti minn dik applikabbli ghall-bqija tan-nies, anzi fil-kaz tieghu ma gietx segwita l-procedura li suppost kellha tigi segwita fl-ipprocessar tal-applikazzjoni tieghu ghall-hrug tal-linja tal-bini ;*

*22. Illi ghalhekk ir-rikorrent ihoss li fir-rigward tieghu qeghdin jigu miksura d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll dawk tal-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 u 14 tal-istess Konvenzjoni u dan billi b`mod diskriminatorju r-rikorrenti sofra kontroll ta` uzu fil-proprjeta` tieghu fuq deskritta u / jew gie mfixkel fit-tgawdija hielsa tal-istess proprjeta` minghajr raguni valida, minghajr proporzjonalita` u minghajr ma inghatalu ebda kumpens, ahseb u ara kumpens gust, u b`cahda shiha tad-dritt tieghu li d-drittijiet civil tieghu jigu decizi b`mod definittiv fi zmien qasir u ragjonevoli u jkollu cans jissindaka dik id-decizjoni quddiem tribunal indipendenti u mparzjali ;*

*23. Illi bhala rimedju effettiv ghall-imsemmija vjolazzjonijiet ir-rikorrent jissottometti illi ebda rimedju ma jkun effettiv jekk mhux billi jerga` jiggeddidlu l-permess originali tal-1978, tinghata ordni biex tinhariglu linja tal-bini mil-aktar fis possibbli, u jigi likwidat kumpens gust ghall-vjolazzjonijiet imsemmija, inkluz kumpens minhabba telf. Prekunarju u minhabba zvalutazzjoni tal-proprjeta` tieghu kif ukoll kumpens ghal danni morali, u dan salv kwalsijasi rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti :-*

*1. Tiddikjara li, minhabba l-fatti kif fuq dikjarati, gew lezi fil-konfront tar-rikorrenti, u ghadhom qeghdin jigu vvjolati fil-konfront tar-rikorrenti, u b`mod diskriminatorju fil-konfront tieghu, id-drittijiet tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu fuq imsemmija kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-ewwel Protokol tal-*

*Konvenzjoni Ewropea (l-ewwel skeda tal-Kap. 319), kif ukoll id-drittijiet tieghu taht l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, u dan kemm mehudin wahedhom kif ukoll l-Artikolu 6 mehud konguntement mal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll mehud konguntement mal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni ;*

*2. Konsegwentement taghti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji ghall-imsemmija vjolazzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fis-sitwazzjoni a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kosituzzjoni u tal-Artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkluz dikjarazzjoni tal-imsemmija vjolazzjonijiet, ordni sabiex lir-rikorrent jerga` jiggeddidlu l-permess originali tal-1978, ordni sabiex tinhareg lir-rikorrent linja tal-bini, u likwidazzjoni ta` kumpens gust ghall-vjolazzjonijiet imsemmija, inkluz kumpens minhabba telf. Pekunjarju u minhabba zvalutazzjoni tal-proprjeta` tar-rikorrent kif ukoll kumpens ghal danni morali, u dan salv kwalsijasi rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun ;*

*Bl-ispejjez u bl-intimati ngunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat ir-risposta tal-Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent u tal-Avukat Generali prezentata fit-28 ta` Jannar 2013 li taqra hekk –

*(1.1) Illi in linea preliminari, l-intimati Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent u l-Avukat Generali mhumiex il-legittimu kontraditturi fir-rigward ta` l-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 stante li tali talbiet mhumiex ezegwibbli kontra taghhom peress li mhiex fil-mansjoni taghhom li johorgu xi permessi tal-bini u/jew li jiffissaw il-linja tal-bini ta` xi proprjeta u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*(1.2) Illi dejjem in linea preliminari, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent naqas milli jesawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih skont il-ligi fi zmien meta dawn kienu disponibbli ghalih sussegwentement ghall-hrug tal-permess tas-sena 1978 li skada*

*fi zmien sena u li qed jintalab permezz tal-azzjoni odjerna t-tigdid tieghu wara hamsa u tletin sena. Dawn kienu jikkonsistu :*

*(i) f`azzjoni ghad-danni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 fl-istadju opportun;*
*(ii) f`appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha datata 17 ta` Marzu 1994 (Ref. 50/1990); u*
*(iii) fir-rigward tal-applikazzjoni tas-sena 1999 li kienet ghal zvilupp differenti, f`appell mir-rifjut tal-Bord kompetenti sabiex jiddeciedi l-istess appelli tal-Awtorita intimata.*

*Ghaldaqstant fic-cirkostanzi odjerni, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tesercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*(1.3) Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli ratione temporis stante li l-allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem li allegatament gie mwettaq fil-konfront tar-rikorrent, sehh qabel it-30 ta` April 1987 ;*

*(1.4) Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrent qed jittenta li jgedded permess li inhareg fis-sena 1978 ghal dwellings u li kellu biss validita ta` sena, din l-azzjoni hi estinta bil-preskrizzjoni ta` tletin sena u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha;*

*(1.5) Illi dejjem in linea preliminari, ir-rikorrent irid igib il-prova tat-titolu tieghu fuq l-art in kwistjoni.*

*(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur da parte taghhom tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent da parte tal-esponenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikoli 6, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent f`dan ir-rigward huma ghal kollox insostenibbli ghas-segwenti motivi :*

*(2.1) Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-esponenti mhumiex l-awtorita kompetenti sabiex johorgu permessi u/jew il-linja ta` bini*

*ta` xi proprjetajiet. L-esponenti jirribattu li huma ma jistghux iwiegbu ghall-allegazzjonijiet ta` ksur ta` drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur hu kjarament marbut ma` azzjonijiet li ma ittiehdux mill-istess esponenti ;*

*(2.2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, jirrizulta mid-dokumentazzjoni ipprezentata mar-Rikors odjern li filwaqt li l-permess li jmur lura ghas-sena 1978 kien jindika dwellings, l-applikazzjoni li giet rifjutata mill-Awtorita intimata fis-sena 1999 kienet tindika zvilupp differenti u cioe ghal ground floor commercial premises and holiday apartments fuq art li jirrizulta li hija f`zona skedata bhala outside development zone li addirittura hija zona ekologika importanti ;*

*(2.3) Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-allegat ksur tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa irrid jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bazi ta` like with like ;*

*(2.4) Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk semmai din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent da parte tal-esponenti, dikjarazzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti f`dak ir-rigward ghandha tikkostitwixxi just satisfaction sufficjenti; u fl-umli fehma tal-esponenti irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent ma utilizzax il-mezzi disponibbli ghalih skont il-ligi fl-istadji opportuni u cioe fis-sena 1978;*

*(3) Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fil-konfront tal-esponenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur da parte taghhom tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikoli 6,13, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif qed jigi allegat; bl-ispejjez kontra tieghu.*

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar prezentata fit-28 ta` Jannar 2013 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li l-Awtorita` eccipjenti mhijiex is-successura tal-PAPB ghal dak li jirrigwardja fatti li saru qabel l-Awtorita` intimata giet imwaqqfa u cioe` f`Dicembru tal-1992 u ghalhekk qatt ma jistghu jigu attribwibbli lilha u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. In linea preliminari wkoll it-talbiet rikorrenti huma rrecevibbli ratione temporis stante li fiz-zmien li r-rikorrent qed jallega li nkisru d-drittijiet fundamentali tieghu l-Konvenzjoni Ewropea kienet ghadha ma tiffurmax parti mil-ligi Maltija u ghalhekk in kwantu l-azzjoni hija bazata fuq il-Kap 319 din hija nsostenibbli u din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha.*

*3. Illi preliminarjament ukoll, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina li tezercita s-setghet Kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta, stante li l-istess rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalih konsistenti f`appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri taghha datata 17 ta` Marzu 1994 (50/1990) u f`appell mir-rufjut tal-applikazzjoni numru 5955/99, u liema rimedji ma gewx utilizzati mir-rikorrent.*

*4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` intimata topponi t-talbiet rikorrenti u tirrileva illi ma sehh l-ebda ksur da parti taghha tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u dan ghas-segwenti motivi :*

*i. Illi r-rikorrent ghandu jressaq prova tat-titolu tieghu dwar l-art imsemmija fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat, u dan sabiex jigi radikat l-interess guridiku li hu ghandu f`din il-kawza, u minn issa stess qed titqajjem eccezzjoni f`dan is-sens.*

*ii. Illi l-awtoritajiet kompetenti li kienu dak iz-zmien jirregolaw il-hrug tal-permessi ghall-izvilupp kienu approvaw permess originali ghall-izvilupp propost mir-rikorrent, leima permess kellu terminu ta` validita`, u liema terminu skada.*

*iii. Illi ma kien jezisti l-ebda obbligu sabiex tali permess jigi fil-fatt imgedded, stante illi kieku kien jezisti tali obbligu, it-terminu ta` validita` tal-permess jigi ma jaghmilx sens.*

*iv. Illi r-rifjut tat-tigdid inghata ghar-ragunijiet legittimi u abbazi tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

*v. Illi fil-mument li r-rikorrent gie mgharraf illi l-permess tieghu ma kienx ser jigi mgedded, ir-rikorrent ma kellu l-ebda permess validu fil-pussess tieghu stante li dan kien skada ferm qabel, u ghaldaqstant, ir-rikorrent bl-ebda mod ma jista` jghid illi kellu xi possediment jew proprjeta` li giet imnehhija lilu b`mod ingust.*

*vi. Illi fil-valutazzjoni ghat-talba tat-tigdid ta` tali permess, l-Awtoritajiet koncernati kienu uzaw l-istess procedura li a bazi taghha huma kienu kkunsidraw it-talba ghall-permess originali tar-rikorrent, liema procedura kienet dik skont il-ligi vigenti ta` dak iz-zmien, u r-rikorrent qatt ma lmenta mill-proceduri uzati mill-istess Awtoritajiet meta huwa kien ghamel it-talba u nghata l-permess de quo.*

*vii. Illi di piu`, meta r-rikorrent ma giex lilu mgedded il-permess tal-izvilupp, inghata rifuzjoni tal-kontribuzzjonijiet illi huwa kien hallas, u konsegwentement accetta bla riserva, u ghaldaqstant gie li akwejixxa ghal tali decizjoni u ghalhekk tilef kull jedd li jipproponi l-istanza odjerna.*

*viii. Illi l-Awtorita` intimata qdiet l-inkarigu taghha u applikat il-kriterji u policies vigenti fir-rigward tal-applikazzjoni numru 5955/99 li kienet tikkonerna talba ghall-hrug ta` permess fuq sit li jinsab barra miz-zona tal-izvilupp u precizament fit-tarf fil-Wied f`zona ta` importanza ekologika, liema applikazzjoni giet rifjutata.*

*ix. Illi r-rikorrent ma ntavolax appell mir-rifjut tal-applikazzjoni numru 5955/99.*

*x. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda bazi fuq xhiex ir-rikorrent jista` jitlob id-danni allegatament sofferti minnu.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Awtorita` ntimata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Frar 2013 fejn tat direzzjoni lill-partijiet fis-sens illi riedet li tigi trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni markata 1.1 tal-Ministru u tal-Avukat Generali, u l-ewwel eccezzjoni markata 1 tal-Awtorita`.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Francis Mallia, ta` Hector Farrugia, ta` Carmelo Farrugia u tar-rikorrent fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2013, u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta r-rikorrent fis-16 ta` Mejju 2013.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Francis Mallia, tal-Perit Paul Cini fl-udjenza tas-17 ta` Gunju 2013 u rat d-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Paul Cini fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2013 u rat d-dokument li kien prezentat fl-udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Oliver Magro fl-udjenza tat-13 ta` Jannar 2014 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-udjenza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-1 ta` Lulju 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni markata 1.1 tal-Ministru u tal-Avukat Generali, u l-ewwel eccezzjoni markata 1 tal-Awtorita`.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Sintesi tal-provi rilevanti**

**Perit Francis Mallia** xehed illi l-alignment applications mhumiex ghand il-MEPA, izda qeghdin il-Public Works. Ipprezenta kopja tal-file 466/76, li kien f`mahzen li l-MEPA zzomm tapposta. Ikkonferma li kellu laqghat mar-rikorrent dwar l-pjan lokali ; ir-rikorrent kien jikkontendi illi skond il-pjan lokali, il-permess kellu johrog. Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega li huwa jokkupa l-kariga ta` Assistant Director of Planning. Huwa qatt ma kien involut direttament mal-permess 466/76. Spjega li meta kien hemm it-transizzjoni bejn il-PAPB u l-PA kienet harget cirkolari lill-periti kollha li talbithom sabiex min kellu file pendenti jaghmel talba biex dan l-file jigi trasferit mill-PAPB ghall-PA.

**Hector Farrugia** mid-Dipartiment tal-Informazzjoni xehed illi kien hemm diversi ministri responsabbli ghal xogholijiet pubblici. Fl-1971, Lorry Sant kien Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet sal-1976. Ipprezenta lista tal-Ministri responsabbli – Dok DOI 1. Il-PAPB kienet taqa` taht il-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet. Ricentement il-MEPA giet taht il-Prim Ministru. Sal-1992, il-hrug tal-permessi kien dejjem responsabbli ghalihom il-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet. Fl-ahhar legislatura il-MEPA kienet taqa` taht il-Ministeru ghat-Turizmu, Kultura u Ambjent.

**Carmelo Farrugia** mill-Arkivju Nazzjonali xehed illi l-file 466/76 ma jinsabx l-Arkivju Nazzjonali.

**Ir-rikorrent** xehed illi kien ilu jsegwi l-file 466/76 mill-1976 sal-lum. Kellu laqghat ma` l-Perit Francis Mallia, Direttur tal-Local Plans. Il-file kien quddiemu meta tkellem mieghu. Il-file kien qieghed il-MEPA. Ipprezenta numru ta` ittri dwar dan l-file.

**Perit Paul Cini** pprezenta kopja tal-permess li hareg fis-6 ta` Novembru 1978 ghall-bini ta` *dwelling houses* fix-Xlendi, Ghawdex. Il-permess hareg mill-PAPB ghal zmien sena. Fil-file ma jirrizultax li kienet saret talba ghal alignment fil-perijodu tas-sena. Fil-file lanqas ma hemm talba sabiex il-permess jiggedded wara s-sena. Minbarra dan fil-file jirrizulta li kien hemm ittra tal-Perit Godwin Cassar li dak iz-zmien kien Chairman tal-PAPB fejn wara l-gharghar ta` Ottobru 1997, kienu nbiddlu l-iskemi kollha u fuq din l-art ma kienx se jsir zvilupp. Hemm diversi pjanti fil-file izda l-ebda wahda minnhom ma tirrizulta approvata. Fil-bidu l-art kellha tigi diviza f`sitta u tletin bicca ghal bini ta` *terraced houses*. Imbaghad kien hemm talba ghal bini ta` vilel, u fl-istess hin zmien rga` saret talba ghall-bini ta` *terraced houses*. Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi huwa kkonsulta l-*alignment file* numru 2850/78 u ma sab l-ebda talba ghal alignment. Il-file ghall-alignment jinfetah malli johrog il-permess. Kieku saret talba ghal alignment, kien ikun hemm minuta fil-file li turi dan.

**Oliver Magro** mill-MEPA xehed illi r-rikorrent ghamel tlett applikazzjonijiet dwar is-sit in kwistjoni : wahda fl-1976 bin-numru 466/76 ; ohra fl-1997 bin-numru 5166/97 ; u ohra fl-1999 bin-numru 5955/99. Kienu jipproponu xi haga differenti : tal-1976 kienet applikazzjoni ghal *terraced houses* ; tal-1997 kienet ghal *hotel* ; tal-1999 kienet ghal *commercial premises* u appartamenti. L-applikazzjoni tal-1976 kienet approvata fis-6 ta` Novembru 1978 ; dik tal-1997 kienet rifjutata, sar appell li kien michud ; dik tal-1999 kienet rifjutata, ir-rikorrent talab *reconsideration* u din kienet michuda wkoll. L-ahhar zewg applikazzjonijiet kienu *outline applications*. Irrefera wkoll ghal cirkulari li kienet harget meta saret it-transizzjoni mill-PAPB ghall-PA. Ir-rikorrent kien baghat ittra fl-1 ta` Frar 1993, fejn talab lill-Awtorita sabiex l-applikazzjoni tal-1976 titqies bhala applikazzjoni tal-Planning Authority. Billi t-terminu ta` sena kien diga` skada, it-talba ma nghatatx konsiderazzjoni. Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr illi d-dipartiment koncernat mill-alignment kien il-works division u mhux il-PAPB.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>**

**a) <u>L-Awtorita`</u>**

Skond ir-rikors promotur, jidher li l-lanjanza tar-rikorrent tirrigwarda agir imwettaq minn awtoritajiet kompetenti fiz-zmien meta hareg il-permess ghal bini nru 4088/78/466/76. Il-permess hareg fis-6 ta` Novembru 1978 mill-PAPB. Fiz-zmien in kwistjoni, l-awtoritajiet koncernati kienu l-PAPB u d-Dipartiment tax-Xogholijiet, u certament mhux l-Awtorita` ntimata. Din qatt ma kienet partecipi tal-process illi wassal ghal hrug tal-permess in kwistjoni u wisq anqas ma hija l-entita illi ssuccediet fil-poteri ta` xi wahda mill-awtoritajiet koncernati.

Tghid illi ma jistax iregi l-argument tar-rikorrent li l-Awtorita` kienet involuta fl-ipprocessar u eventwali rifjut tal-applikazzjoni 5955/99, ghaliex dik l-applikazzjoni ghal izvilupp m`ghandha l-ebda rilevanza u/jew konnessjoni mal-process relattiv ghall-hrug tal-permess tal-1978. Iz-zewg applikazzjonijiet huma totalment awtonomi u distinti minn xulxin mhux biss ghaliex gew trattati u decizi fi zminijiet differenti minn zewg entitajiet differenti, izda ukoll ghaliex n-natura tal-izvilupp kienet differenti. L-applikazzjoni tal-1999 kienet ghal "*ground floor commercial premises and holiday apartments*" filwaqt illi l-applikazzjoni tal-1978 kienet ghal "*to erect dwellings subject to conditions on Form T.2 and drainage contribution*". Fir-rikors promoter, ir-rikorrent qieghed jilmenta mhux dwar dak li gara fl-1999, izda dwar dak li gara fl-1978.

L-Awtorita` tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta` April 1998 fil-kawza "**<u>John Sammut vs l-Awtorita tal-Ippjanar</u>**" u ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Frar 2014 fil-kawza "**<u>Angelo Xuereb et vs il-Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura et</u>**". Tghid illi huwa principju assodat li l-interess guridiku ghandu jkun mhux biss attwali, konkret u personali izda ghandu jissusisti wkoll *"di fronte ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda, ghaliex anke ghall-*

*konvenut l-interess huwa l-mizura tal-eccezzjoni"* (Kollez. Vol. XLI.II.1051). Taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tad-29 ta` Jannar 1997 fil-kawza "**Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe**".

**b) Il-Prim` Ministru (gia` l-Ministru ghat-Turismu, Kultura u l-Ambjent), u l-Avukat Generali**

Bhala stat ta` fatt jirrizulta li r-responsabilitajiet li kienu tal-PAPB, jaqghu taht r-responsabbilita tad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Mir-rikors promotur jirrizulta illi i) ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-Ministru u r-rikorrent ; ii) id-Dipartiment tax-Xogholijiet ghandu personalita` guridika awtonoma ; u iii) il-permessi tal-bini ma jaqawx taht l-mansjoni tal-Ministru u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Saret riferenza ghal gurisprudenza. Jirribadixxi li l-kwistjoni mertu tal-kawza hija interament u esklussivament bejn r-rikorrent u l-awtoritajiet fejn r-rikorrent pprezenta l-applikazzjoni tieghu fl-1978. Mhuwiex l-kompitu kemm tal-Avukat Generali kif ukoll tal-Ministru li jidhol fil-mod kif il-PAPB jew l-MEPA wara tiddeciedi dwar l-applikazzjonijiet li jkollha quddiemha.

**c) Ir-rikorrent**

Rigward l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita`, ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza ta` din il-Qorti (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tal-31 ta` Mejju 2006 fil-kawza "**Simon Caruana vs L-Onorevoli Prim Ministru**". Billi wiehed mir-rimedji li qieghed jitlob r-rikorrent huwa t-tigdid tal-permess tal-1978 u l-ghoti tal-linja tal bini, hija l-Awtorita li tkun f`posizzjoni li tipprovdi dak ir-rimedju. Minghajr pregudizzju, billi r-rikorrent ghamel t-talba fit-terminu stabbilit sabiex il-file tieghu tal-PAPB jitqies bhala file tal-Awtorita, din hija l-legittimu kontradittur tieghu. Kontrarjament ghal dak ritenut mill-Awtorita, il-MEPA ghandha l-kustodja u l-pussess tal-files tal-PAPB. Minbarra dan fil-korrispondenza li kien hemm bejn r-rikorrent u l-Awtorita, dejjem gie kkwotat n-numru tal-permess tal-1978, u ghalhekk mhuwiex korrett li l-Awtorita tghid illi hija ddiskutiet biss applikazzjonijiet li saru fi zmien meta l-istess Awtorita kienet tezisti. Inoltre r-rikorrent qieghed jilmenta ukoll mill-fatt li llum l-gurnata s-sit tieghu mhux qed jigi meqjus bhal sit tajjeb ghal bini. Ghalhekk wara li l-permess originali kien skada, ir-

rikorrent sab diffikulta biex jottjeni permessi ohra u l-awtoritajiet tal-lum ghadhom jirrifjutaw li jirrikonoxxu d-dritt tieghu li jizviluppa s-sit tieghu.

Rigward l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent, ir-rikorrent jirrileva li l-vjolazzjonijiet lamentati ma kienux irregolaritajiet kommessi mill-PAPB dak iz-zmien, izda huma vjolazzjonijiet li sehhew b`involviment dirett tal-Ministru koncernat dak iz-zmien. Jirrizulta mix-xhieda li ta` c-Chairman tal-PAPB, illi kien komuni dak iz-zmien li l-Ministru jzomm ghandu l-files tal-PAPB u gieli kien hemm kazijiet meta kien jesigi li l-kaz jithalla rieqed. Dan huwa proprju dak li gara fil-kaz tar-rikorrent ghaliex kif irrizulta l-file tal-alignment ghamel ghaxar snin li ma setax jigi rintraccjat. Irrefera ghal dak li xehed c-Chairman tal-PAPB quddiem il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, illi huwa kien ircieva ittra minghand is-Segretarju Privat tal-Ministru Sant li kien ordnalu biex fil-kaz tar-rikorrent ma jigix processat. Ghalhekk minhabba l-fatt li rrizulta li l-agir tal-Ministru ta` dak iz-zmien huwa direttament rilevanti ghal din l-kwisjoni u ghandu jitqies bhala l-legittimu kontradittur.

Rigward l-Avukat Generali, minhabba l-fatt li l-lanjanza tar-rikorrent tohrog minn diversi elementi u l-agir ta` nies differenti, u ghalhekk hija kwistjoni li minn natura taghha hija wahda kumplessa, dak li garrab r-rikorrent mhuwiex necessarjament r-rizultat ta` nuqqas ta` enti jew ta` persuna partikolari. Issir referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Lay Lay Company Limited vs L-Awtorita ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Avukat Generali**" deciza fil-25 ta` Frar 2011 u "**Nicholas Cutajar vs Mark Portelli pro et noe**" deciza mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-21 ta` Frar 2013.

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita`**

L-Awtorita` teccepixxi li mhijiex il-legittima kontradittur tar-rikorrent ghaliex mhijiex is-successur tal-PAPB.

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` April 1998 fil-kawza `**John Sammut vs Awtorita ta` l-Ippjanar**` il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*`Il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni ta` l-appellant illi l-intimata Awtorita ta` l-Ippjanar hija `effettivament successur tal-PAPB bid-drittijiet u bl-obbligi ta` l-istess`. L-appellant jittanta jiggustifika din il-proposizzjoni generika billi jargumenta li dan kien jidher li kien l-istat ta` dritt minn qari akkurat ta` l-artikolu 63 ta` l-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar ta` l-Izvilupp. Il-ligi pero dan ma tghidux u jekk kellu jigi argumentat b`interpretazzjoni ta` din id-disposizzjoni wiehed necessarjament kellu jasal ghall-konkluzjoni opposta ghal dik issugerita mill-appellant. Ma hemmx ghalfejn jinghad illi hawn si tratta ta` ezami u interpretazzjoni ta` disposizzjoni ta` ligi fiha nnifisha mnezza minn kull konsiderazzjoni ohra, inkluza dik ta` indoli kostituzzjonali. Interpretazzjoni li trid issegwi d-dicitura ta` l-artikolu u l-mens legis u mhux dak li wiehed jahseb li jaqbel jew li ghandu jkun jew li hu gust li jkun. Dan multo magis meta hawn si tratta ta` disposizzjoni li, in effetti tiddetermina u tiddelimita ukoll il-funzjonijiet u l-kompetenza ta` l-Awtorita u ta` l-entitajiet l-ohra mwaqqfa fil-ligi li jirregolaw l-izvilupp u safejn dawn jistghu jiehdu konjizzjoni ta` materji dwar fatti li sehhew <u>qabel</u> ma gie fis-sehh dak l-Att ;*

*L-artikolu 63 ta` l-Att I ta` l-1992 hu disposizzjoni transitorja li tipprovdi (1) ghar-revoka ta` legislazzjoni anterjuri li kienet sa dakinhar li dahal fis-sehh dak l-Att tirregola l-izvilupp f`Malta fosthom dawk il-ligijiet u regolamenti li kienu jipprovdu ghat-twaqqif u t-thaddim tal-Planning Appeals Permits Board u (2) ghall-kontinwita fir-regolament ta` dak li kien sar validament taht dik il-legislazzjoni antecendenti, pero fil-parametri precizi definiti f`din id-disposizzjoni ;*

…

*Ghandu jkun immedjatament ovvju minn qari ta` din id-diposizzjoni illi l-legislatur irid jipprovdi proprju kontra ta` dak li qed jigi ssugerit mill-appellant. Il-legislatur ried li f`materja ta` ippjanar u l-izvilupp ikun hemm linja netta ta` demarkazzjoni bejn dak li sehh qabel l-Att I tal-1992 u dak li kien se jigi wara li dak l-Att jigi fis-sehh. Ma riedx allura li l-Awtorita li kienet ser titwaqqaf b`dik il-ligi tkun s-successur tal-PAPB la fl-ezercizzju tal-funzjonijiet u poteri taghha u lanqas fid-drittijiet u l-obbligi taghha. In-natura tal-kostituzzjoni tal-Awtorita hi infatti ghal kollox differenti minn dik tal-PAPB. Filwaqt li dik tal-ahhar kienet ex lege meqjusa bhala d-*

*delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici u kienet tezercita l-funzjonijiet fdati f`idejh, l-Awtorita hi korp awtonomu u indipendenti kkostitwit bil-ligi li tiddetermina l-funzjonijiet li kellha tespleta, liema ligi kienet taghtiha l-poteri kollha biex tkun tista` tezercita tali funzjonijiet. Mill-banda l-ohra, li kieku l-Att 1 tal-1992 ried li din l-Awtorita tkun is-successur fid-drittijiet u l-obbligi tal-PAPB, dan kienet tghidu espressis. La ma tghidux, mhux lecitu li jigi dezunt bi process ta` interpretazzjoni. Implicitament il-ligi anzi teskludi tali process ghaliex tispecfika f`liema cirkostanzi u safejn kull haga maghmula taht il-ligijiet antecedenti b`dak l-Att irrevokati, kienu salvati u rregolati bil-ligi l-gdida. Il-PAPB gie b`dan l-Att abolit ghax kienet hekk abolita l-ligi li permezz taghha kien gie kkostitwit, u fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa li l-Awtorita kienet bil-ligi l-gdida tigi ddikjarata s-successur tieghu wara li gie abolit, mhux guridikament korrett li wiehed jattribwiha din il-vesti ghax dan ikun jimporta li l-Awtorita tkun qed tigi moghtija funzjonijiet, drittijiet u obbligi li l-ligi bl-ebda mod ma tikkonferieha`*

Fir-rikors promotur, ir-rikorrent qieghed jilmenta dwar l-fatt li fiz-zmien sebghin ma kenitx harget l-linja ta` bini wara li nghata l-permess tal-bini. Ghalkemm ir-rikorrent isemmi li huwa pprezenta applikazzjonijiet ohra quddiem l-Awtorita fi zmien aktar ricenti, l-ilment tieghu huwa dwar dak il-fatt u cioe` li qatt ma harget l-linja tal-bini. L-istess rikorrent jikkonferma li l-vjolazzjonijiet li qieghed jilmenta minnhom ma kienux irregolaritajiet kommessi mill-PAPB, izda huma vjolazzjonijiet li sehhew b`involviment dirett tal-Ministru kkoncernat ta` dak iz-zmien.

Dan rilevat il-Qorti tghid li d-direzzjoni gurisprudenzjali citata tghodd ghall-kaz tal-lum. Il-PAPB kien id-delegat tal-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet. L-Awtorita` ma tistax titqies successur tal-PAPB u ma ghandhiex twiegeb ghal-lanjanzi tar-rikorrent anke fir-rigward tar-rimedju li qieghed jippretendi.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ntimata u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Ikkunsidrat :**

**V.** **<u>L-ewwel eccezzjoni tal-Prim` Ministru (gia` ta` l-Ministru ghat-Turismu, Kultura u l-Ambjent) u tal-Avukat Generali</u>**

Kemm l-Avukat Generali, kif ukoll il-Ministru l-ewwel u l-Prim` Ministru wara, qeghdin jeccepixxu li mhumiex il-legittimi kontradittturi tar-rikorrent skond l-**<u>Art 181B tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

*(1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda, mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu:*

*(a) kawzi għall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mill-Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l- azzjonijiet gudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jigu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 2011 fil-kawza "**<u>Lay Lay Company Limited vs Avukat Generali</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :–

*Qieghed jigi allegat ukoll, izda, li d-dokumenti tal-permess baqghu ma gewx*

*konsenjati, la mill-PAPB u anqas mill- MEPA (li assumiet ir-responsabilita` ghall-ippjanar ambjentali u twaqqfet wara li spiccat il-PAPB) lil Carabott jew lis-socjeta` appellanta li fil-frattemp kienet akkwistat il- proprjeta` intiera tal-art in kwistjoni. Il-MEPA ssostni li hi ma hix legalment is-successur tal-PAPB. Ghalhekk ma setax jigi eskluz li l-Gvern ta` Malta seta`, anki jekk indirettament, ikollu xi responsabilita` ghall-vjolazzjonijiet allegati in kwantu dawn setghu kkontribwew ghalihom xi nuqqasijiet tal-PAPB li llum ma ghadhiex tezisti u li ghalhekk ma hemm ebda kap ta` dipartiment li kontra tieghu tista` tigi diretta l-azzjoni biex jirrispondi ghal dik ir- responsabilita`. Ghalhekk l-Artikolu 181B(2) tal-Kodici ta` Procedura Civili, apparti dak li jista` jirrizulta fil-mertu, huwa applikabbli ghall-kaz odjern. Per konsegwenza l- Avukat Generali kien u ghadu kontradittur legittimu f`dawn il-proceduri u l-aggravju tas-socjeta` appellanta f`dan ir- rigward hu gustifikat u ghalhekk ser tigi respinta l-eccezzjoni relattiva tal-Avukat Generali u tigi riformata s- sentenza appellata fejn illiberatu mill-osservanza tal- gudizzju.*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrent jilmenta minn vjolazzjonijiet li mhux biss setghet kienet involuta fihom il-PAPB izda anke l-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogholijiet.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li ghall-kaz tal-lum ghandu japplika wkoll l-**Art 181B(2) tal-Kap 12**.

Kif jidher anke minn atti li gew prezentati mir-rapprezentat tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, il-Ministeru li seta` kien il-legittimu kontradittur tar-rikorrent fil-procediment tal-lum bidel kemm l-isem kif ukoll ir-responsabilitajiet tul iz-zmien. Fl-accertamenti taghha, il-Qorti trid tfittex ic-certezza legali. Fir-rwol istituzzjonali tieghu, l-Avukat Generali jassikura wkoll ic-certezza legali.

Il-Prim` Ministru jikkontendi li mhijiex il-mansjoni tieghu li johrog permessi tal-bini jew li jistabilixxi l-linja tal-bini. Minn esami tal-portafoll tal-Ufficcju tal-Prim Ministru jirrizulta li fost mansjonijiet ohra, hemm il-koordinazzjoni tal-Ippjanar, Politika u Prijoritajiet, u l-MEPA.

Il-kaz tal-lum jirrigwarda allegati vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent. Min m`ghandux iwiegeb ghall-allegati vjolazzjonijiet, ghandu jibqa` barra mill-procediment. Hekk iddecidiet li ghandu jkun il-kaz tal-Awtorita` ntimata. Izda fejn haddiehor ghandu jwiegeb, anke b`interpretazzjoni mhux restrittiva tal-Art 181B tal-Kap 12, ghandu joqghod ghall-gudizzju tal-qorti skond il-provi li jitressqu. Ghalhekk il-Prim` Ministru llum u l-Avukat Generali huma legittimi kontradittturi tar-rikorrent mhux biss ghaliex hekk hu skond l-Art 181B tal-Kap 12 izda anke ghaliex l-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tal-integrita` tal-gudizzju hekk jirrikjedu.

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni, dik bil-preciz markata 1.1, tal-Prim` Ministru, gia` ta` l-Ministru ghat-Turismu, Kultura u l-Ambjent, u tal-Avukat Generali. Ghalhekk tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 2 ta` Frar 2015 tissejjah fl-10.00 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------